# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-25 ta' Jannar 2021

**Rikors Numru : 172/2020 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**WD**

**U**

**LD**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' WD u LD datat 18 ta' Gunju 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom fit-23 ta' Novembru 2002 fil-Knisja ta' San Guzepp Haddiem, ix-Xemxija, limiti ta' San Pawl il-Bahar (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok. A****);*

2. *Illi l-esponenti jiddikjaraw illi minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal L u J, ahwa D li twieldu f'X u Y rispettivament u ghalhekk illum ghadhom minorenni;*

3. *Illi l-esponenti nfirdu legalment minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn Nutar Pubbliku Dottor Anthony sive Tony Abela fit-28 ta' Dicembru 2015 (kopja awtentikata hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dok. B****);*

4. *Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet irrinunzjaw mid-dritt rispettiv taghhom illi jitolbu manteniment minghand xulxin (vide*

*Artikolu 4 tal-istess kuntratt);*

5. *Illi fir-rigward tat-tfal minuri, l-esponenti jiddikjaraw illi l-manteniment dovut u pagabbli mill-esponent WD versu l-bzonnijiet ta' uliedhom hekk kif jirrizulta mill-Artikolu 5 tal-istess kuntratt dejjem thallas puntwalment u arretrati m'hemmx;*

6. *Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti;*

7. *Illi l-esponenti qeghdin jannettu affidavit taghhom li qed jigu hawn annnessi u mmarkati bhala* ***Dok. C1 u C2)****;*

8. *Illi l-esponenti LD tiddikjara illi hija tixtieq tirriverti ghal kunjomha xbubitha S;*

9. *Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, mhuwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi, a tenur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabilita l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C u tordna illi l-esponenti LD tirriverti ghal kunjomha xbubitha S.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Ezaminat ix-xhieda bil-proċedura tal-affidavit;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**WD** xehed (vide affidavit fol 20) illi huwa zzewweg lil martu LD nhar it-23 ta' Novembru 2002, u li minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt ulied li ghadhom minorenni. Sostna illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fit-28 ta' Dicembru 2015 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony sive Tony Abela. Xehed illi ma hemm ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu' iddikjara illi ma hemm ebda pendenzi jew arretrati ta' manteniment.

**LD** fix-xhieda taghha (vide affidavit fol 21), ikkonfermat u kkorraborat dak li xehed zewgha WD.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-23 ta' Novembru 2002 (vide Dok A, a fol 3 certifikat taz-zwieg bin-numru progressiv tar-reġistrazzjoni 2051/2002) u minn dan iż-żwieġ huma kellhom żewġt ulied;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony sive Tony Abela, datat 28 ta' Diċembru 2015 (vide Dok.B fol 4 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet liema zwieg igib ic-certifikat numru 2051/2002 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru**

**Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku u tawtorizza lil LD sabiex tirreverti lura ghal kunjom xbubitha u cioe S u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**